MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 8/2021 LM

**Christopher Sciberras (K.I. 529272M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('id-Direttur appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Christopher Sciberras (K.I. 529272M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tad-9 ta' Ġunju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Arbitru ċaħad l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'id-

Direttur Ġenerali appellat'). li ċaħad it-talba tiegħu għall-Għajnuna Soċjali wara li huwa spiċċa mingħajr impjieg, u dan wara li l-Arbitru qies li tul is-snin ir-rikorrent kien eċċeda l-iskala stabbilita u/jew kien involut f'attività kummerċjali li rrendietu ineliġibbli għall-benefiċċji soċjali mitluba minnu.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent ressaq appell quddiem l-Arbitru wara li permezz ta' ittra tat-30 ta' April, 2019, huwa ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata għajnuna għall-qgħad ġiet mistħarrġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u ġie deċiż mid-Direttur Ġenerali intimat li huwa mhuwiex eliġibbli għal din l-għajnuna. Id-Direttur Ġenerali intimat informa lir-rikorrent li huwa ma kienx sodisfatt li d-dħul fil-ġimgħa tar-rikorrent tul is-snin ma kienx jeċċedi l-iskala stabbilita jew li r-rikorrent ma kienx involut f'xi attività kummerċjali.

3. Id-Direttur Ġenerali intimat informa lill-Arbitru li d-deċiżjoni li jitwaqqaf il-benefiċċju tal-għajnuna soċjali għad-diżimpjieg li kien jirċievi r-rikorrent, ittieħdet għaliex wara investigazzjoni li saret mid-Dipartiment, ġie stabbilit li r-rikorrent kien involut f'diversi transazzjonijiet ta' bejgħ u xiri ta' vetturi, u għalhekk id-Direttur Ġenerali intimat ma kienx sodisfatt li r-rikorrent ma kienx impenjat f'attività kummerċjali u/jew li l-valur kapitali tar-rikorrent ma kienx jeċċedi l-iskala stabbilita.

## **Mertu**

4. Il-kwistjoni odjerna tikkonċerna d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur intimat, u kkonfermata mill-Arbitru li r-rikorrent mhux eliġibbli sabiex jibqa' jirċievi l-għajnuna soċjali għall-qgħad, u dan wara li nstab li fuq ismu kellu rreġistrati numru konsiderevoli ta' vetturi, li tqies bħala indikazzjoni li r-rikorrent kien jaqbeż l-iskala stabbilita u/jew li kien jiġġestixxi attività kummerċjali.

5. Fost il-provi esebiti mir-rikorrent, kien hemm ċertifikat rilaxxat mill-psikjatra Joseph Spiteri, li jiċċertifika li r-rikorrent kien ibati minn ċerti debilitajiet mentali, u li kawża ta' hekk huwa spiss kien ibiddel il-vetturi li kien jakkwista.

6. **Alan Ellul**, fl-*affidavit* tiegħu xehed li huwa jiġġestixxi negozju ta' karozzi u muturi bl-isem 'Alan Motors', u li għandu *showroom* ġewwa Ħ'Attard. Qal li huwa kien ilu jaf lir-rikorrent madwar disa' snin, u r-rikorrent spiss kien jixtri u jpartat vetturi mis-*showroom* tiegħu. Qal li ħafna drabi r-rikorrent kien jagħmel telf minn dawn it-transazzjonijiet, għaliex bħala persuna fin-negozju x-xhud ried jara li kien jagħmel element ta' profitt għalih, u għalhekk ħafna drabi kien ipartat vettura tar-rikorrent ma' waħda ta' valur aktar baxx. Qal li kien hemm drabi fejn ir-rikorrent kellu vetturi bil-liċenzja li kienet waslet biex tagħlaq, u kien jitlob lix-xhud ipartatlu l-vettura ma' oħra b'valur iżjed baxx, u dan sabiex jevita li jħallas il-liċenzja fuq il-vettura li kellu.

7. **Reuben Zammit** fl-*affidavit* tiegħu xehed li jiġġestixxi *showroom* tal-muturi, u qal li sar jaf lir-rikorrent meta dan mar biex jixtri mutur mingħandu.

Qal li fl-aħħar ħames snin huwa kien partat madwar ħamsin mutur mar-rikorrent, u xi drabi r-rikorrent kien ipartat mutur ma' ieħor anki fl-istess ġimgħa, tant hu hekk li xi drabi x-xhud ma kienx jilħaq jirreġistra t-trasferiment. Ix-xhud qal li minn dawn it-transazzjonijiet huwa ried jassigura li jagħmel profitt, u għalhekk dejjem kien jassigura li l-mutur li kien ser jieħu mingħand ir-rikorrent ikollu valur ogħla mill-mutur li jkun ser jittrasferilu.

## Id-Deċiżjoni Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Ġunju, 2021, l-Arbitru ddeċieda l-appell intavolat mir-rikorrent b'dan il-mod:

*"Billi si tratta ta' żewġ appelli fuq l-istess deċiżjoni meħuda mid-Direttur ser tingħata deċiżjoni waħda.*

*Dan l-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datata 30 ta' April, 2019 fejn id-Direttur kien iddikjara li l-appellanti ma kienx intitolat għal għajnuna għall-qgħad billi ma kienx sodisfatt li d-dħul tal-appellanti fil-ġimgħa tul is-snin ma kienx jeċċedi l-iskala, u/jew ma kienx impenjat f'xi attività kummerċjali.*

*Fl-Appell tiegħu, l-appellanti saħaq li kien fi kriżi finanzjarja kbira u li ma qabilx mad-deċiżjoni tad-Direttur.*

***Ikkunsidra***

*Fil-kors tal-appell l-appellanti ppreżenta numru ta' affidavits li jgħidu hekk:*

*i. Affidavit ta' Reuben Zammit li jiġġestixxi negozju ta' muturi taħt l-isem Muturi Malta. Dwar l-appellanti stqarr illi kien jafu minn xi ħames snin qabel u ġieli partat muturi għandu. Għamlu almenu 50 tpartit ta' muturi tant li darba minnhom kien qallu ma jiġix daqshekk malajr għaliex kien hemm drabi fejn lanqas kien ikun laħaq għamel trasferiment tal-mutur.*

*ii. Hu, bħala dealer kien jagħmel profitt minn dan it-tpartit. Il-profitt kien jagħmlu billi jara li l-mutur li jkun qed ipartatlu l-appellanti ikollu valur ogħla minn dak li jkun*

*qiegħed itih hu. Jew inkella billi l-appellanti iżid xi ħaġa tal-flus. Naturalment dan kien ifisser illi l-appellanti ma kienx qed jagħmel profitt.*
*iii. Affidavit ta' Alan Ellul li jiġġestixxi showroom ta' karozzi u muturi. Lill-appellanti kien ilu jafu 9 snin u dan billi saru ħbieb bin-namur li kellhom tal-muturi. Tul dan iż-żmien kollu għamlu tpartit ta' diversi muturi u karozzi. Skont hu l-appellanti qatt ma għamel profitt f'dan it-tpartit anzi kemm-il darba tilef il-flus. Semma okkażjoni fejn fis-27 ta' Settembru, 2017 l-appellanti kien ħa mutur għandu b'valur ta' €1800 u xahar wara partat l-istess mutur ma' ieħor li kellu valur inqas ċioe ta' €1300.*

*Fil-kors tal-appell ġie esebit ukoll dikjarazzjoni ta' Dr. Joseph Spiteri, Consultant Psychiatrist. Skont din id-dikjarazzjoni, l-appellanti ilu pazjent tiegħu għal għaxar snin. L-appellanti għandu storja ta'* severe obsessive compulsive disorder*. Kompla jispjega hekk:*

He first started to have fixed obsession on tattoos and had various done throughout the years. His fixation then turned to cars and motorcycles. He used to buy and eventually sell to get a better one. This led him to have and exchange of cars/motorcycles. ... He is on medication for his condition. He remains vulnerable and shows different obsessions and rituals from time to time.

*Id-Dipartiment sostna illi ċiononostante jibqa' l-fatt li fil-perijodu meta l-appellanti kien fuq l-għajnuna soċjali, jew il-maġġor parti taż-żmien, l-appellanti effettwa trasferimenti b'total ta' 180 bejn karozzi u muturi ta' xiri u bejgħ.*

*Għalkemm l-appellanti saħaq illi kellu problema ta' ossessjoni medika li kienet twasslu sabiex jagħmel it-tranżazzjonijiet relattivi, jibqa' l-fatt li si tratta ta' attività kummerċjali massiċċa fuq medda ta' snin. Il-prova li ġab l-appellanti huwa ridott wisq fis-sens illi ġew ippreżentati żewġ affidavits minn żewġ dealers li ddikjaraw l-affarijiet b'sens ġenerali. L-appell u mertu relattiv kien tali li kien jinkombi fuq l-appellanti li jesebixxi ferm aktar dokumentazzjoni milli dawn iż-żewġ affidavits u dikjarazzjoni tat-tabib tiegħu.*

*Importanti wkoll illi d-dikjarazzjoni tat-tabib tiġi eżaminata wkoll. Għalkemm huwa dikjarat illi l-appellanti kellu ossessjoni fuq il-vetturi imkien mhu dikjarat illi l-appellanti ma kienx kapaċi li jieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tiegħu. Din kienet tkun sitwazzjoni differenti għall-aħħar.*

*Irid jiżdied jingħad ukoll li fl-appell ir-raġuni li ġab l-appellanti kienet li huwa kien fi kriżi finanzjarja kbira u ma ġab ebda raġuni l-għala l-appell kellu jiġi milqugħ fattwalment jew legalment.*

*Tenut kont ta' dawn il-fatti kollha l-appell huwa miċħud."*

**L-Appell**

9. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fit-12 ta' Lulju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tilqa' dan l-appell b'dana illi fl-ewwel lok tiddikjara tali deċiżjoni bħala nulla u bla effett u għalhekk terġa' tirrimetti lura din il-kawża sabiex tiġi deċiża skont il-liġi u sussidjarjament u fit-tieni lok, f'każ li l-ewwel aggravju tiegħu ma jiġix milqugħ, tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fid-9 ta' Ġunju, 2021 fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tħassar ukoll id-deċiżjoni tad-Direttur appellat datata 30 ta' April, 2019, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellat."*

10. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant qal li d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru hija nulla u mingħajr effett stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi għal dak li jirrigwarda motivazzjoni. Qal ukoll li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi. L-appellant spjega li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija nulla u mingħajr effett għaliex din ma tissodisfax id-disposizzjonijiet tal-artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u qal li d-deċiżjoni mogħtija bl-ebda mod ma tagħti motivazzjoni jew spjegazzjoni valida li tissustanzja u tiġġustifika d-deċiżjoni tal-Arbitru. L-appellant qal li l-kweżit li ġie rimess għall-ġudizzju tal-Arbitru kien jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-appellant tul is-snin kellux dħul fil-ġimgħa li kien jeċċedi l-iskala, u jekk l-appellant kienx qiegħed jeżerċita attività kummerċjali. L-appellant qal li l-Arbitru irrikonoxxa li fil-proċeduri quddiemu l-appellant ressaq diversi provi u għamel riferiment għalihom, iżda imbagħad, b'riferiment għad-dikjarazzjoni li saret mit-tabib tal-appellant, qal li s-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku t-tabib tal-appellant iddikjara li dan mhux kapaċi jieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tiegħu. Qal ukoll li din id-deċiżjoni ma tagħmilx sens għaliex l-Arbitru naqas milli jagħti l-motivazzjoni li wasslitu

għall-konklużjoni li wasal għaliha. L-appellant irrimarka li l-*affidavits* taż-żewġ *dealers* ġew skartati, iċ-ċertifikat tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri ma tqiesx li huwa sufficjenti biex jispjega l-kundizzjoni li jsofri minnha l-appellant, kif ukoll l-Arbitru naqas milli jagħti r-raġuni għalfejn huwa qies li kellha titressaq prova li l-appellant ma kienx kapaċi jieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tiegħu. Qal ukoll li fil-fehma tiegħu l-Arbitru kellu jispjega għal liema raġuni l-*affidavit* tal-appellant u d-dokumenti annessi miegħu ma jissemmew imkien fid-deċiżjon impunjata. L-appellant qal li huwa għal dawn ir-raġunijiet li għandu jiġi deċiż li d-deċiżjoni tal-Arbitru ma tissodisfax l-artikolu 218 tal-Kap. 12. Saħaq li anki jekk mhux waħda elaborata, il-motivazzjoni trid tkun adegwata, koerenti u sorretta minn iter ta' ħsieb intelliġibbli, xi ħaġa li f'dan il-każ ma ġratx.

11. L-appellant spjega li t-tieni aggravju tiegħu huwa wieħed fattwali, u dan għaliex mid-dokumentazzjoni esebita ma jirriżultax li l-appellant kien fl-impjieg jew inkella li kien qiegħed jeżerċita xi attività kummerċjali. Qal li huwa għalhekk li huwa kien fid-dritt li jitlob l-għajnuna soċjali, u huwa m'għandu jirrifondi l-ebda ammont lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Żied jgħid li filwaqt li jifhem li din il-Qorti fi grad ta' appell m'għandhiex terġa' tevalwa l-provi mill-ġdid, madanakollu hemm sitwazzjonijiet fejn il-provi jistgħu jiġu evalwati mill-ġdid u qorti tat-tieni grad tasal għal konklużjoni diversa minn dik li jkun wasal għaliha tribunal fl-ewwel grad. L-appellant qal li f'dan il-każ l-Arbitru uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu b'mod ħażin, u għalhekk din il-Qorti għandha tagħmel rivalutazzjoni tal-provi stante li bid-deċiżjoni tal-Arbitru tad-9 ta' Ġunju, 2021, ser tiġi kkaġunata inġustizzja kbira. Qal li minkejja li mill-provi rriżulta li huwa ma kienx fl-impjieg u ma kien qiegħed jeżerċita l-ebda attività kummerċjali, l-Arbitru xorta waħda ddeċieda kontra tiegħu.

12. L-appellant qal li l-unika prova li nġabet mid-Direttur Ġenerali appellat kienet lista ta’ vetturi li xi darba jew oħra kienu rreġistrati ma’ Transport Malta f’isem l-appellant, u l-unika informazzjoni li fiha din il-lista hija n-numru ta’ reġistrazzjoni u l-għamla tal-vetturi u d-dati meta dawn kienu rreġistrati fuq isem l-appellant. Kompla jgħid li din il-lista ma fiha ebda informazzjoni dwar il-valur u/jew ir-raġunijiet għaliex dawn il-vetturi ma kinux baqgħu fuq isem l-appellant. Qal li min-naħa l-oħra, huwa pprovda diversi provi li ma jħallu l-ebda dubju li huwa ma kien involut fl-ebda attività kummerċjali u li fil-perijodu *de quo* ma kellu l-ebda dħul li jeċċedi l-iskala. Qal li l-provi jikkonsistu fl-*affidavit* ta’ Alan Ellul, li xehed dwar il-fatt li l-appellant kien iħobb ipartat il-vetturi, u li konsegwenza ta’ hekk kien jagħmel it-telf; *affidavit* ta’ Reuben Zammit, li wkoll xehed l-istess ħaġa; rapport tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri, li kkonferma li l-appellant kien ilu taħt il-kura tiegħu għal aktar minn għaxar snin, u li qal li l-appellant għandu *severe obsessive compulsive disorder*, dipressjoni u ansjetà; kif ukoll *affidavit* tal-appellant, li spjega li huwa jbati minn kundizzjoni li taffettwah billi tikkawżalu ċerti fissazzjonijiet u anki taffettwah fid-dinja tax-xogħol. L-appellant qal li fl-istess ħin huwa qatt ma kellu aktar minn karozza waħda u mutur wieħed, u li dawn kienu jkunu ta’ valur baxx, tant hu hekk li meta kienu jdejquh kien jispiċċa jiskrappjahom jew jiggaraxxjahom. L-appellant qal li mill-provi għandu jirriżulta li bejn l-2012 u l-2018, huwa kellu fuq ismu 94 vettura, li minnhom 38 ġew *scrapped* jew *garaged,* u s-56 l-oħra ġew trasferiti prinċipalment billi tpartu ma’ vetturi oħra tad-*dealers* Alan Ellul u Reuben Zammit, u kkonferma bil-ġurament li minn dawn il-vetturi huwa m’għamel l-ebda tip ta’ profitt. L-appellant qal li l-Arbitru kellu lista b’diversi vetturi mingħajr ebda indikazzjoni dwar jekk dawn ġewx *scrapped, garaged* jew

trasferiti lil terzi, u d-Direttur appellat straħ fuq din il-lista sabiex jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu. Qal li min-naħa l-oħra, huwa pprovda diversi provi li juru li huwa ma kienx involut f'ebda attività kummerċjali, u li jippruvaw li l-konklużjoni tal-appellat li dawn il-vetturi kienu qegħdin jinbiegħu mill-appellant kienet żbaljata, għaliex huwa kien qiegħed jagħmel telf minn dawn il-vetturi. Qal li huwa għadu jbati minn kundizzjoni psikika li taffettwah fid-deċiżjonijiet li jieħu ta' kuljum, u li sabiex jikkumbatti din il-kundizzjoni huwa jieħu mediċina u jattendi għat-terapija taħt il-kura tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri.

13. L-appellant qal li għalhekk l-Arbitru kien żbaljat meta kkonkluda li l-provi prodotti minnu kienu ridotti wisq, partikolarment meta l-provi prodotti minnu ma ġew ikkontestati bl-ebda mod, u ma sar l-ebda kontro-eżami tax-xhieda prodotti minnu. L-appellant qal li huwa prinċipju magħruf li l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma l-fatt u mhux fuq min jinnegah, u għalhekk l-affermazzjoni li l-appellant kien qiegħed jeżerċita attività kummerċjali kellha tiġi ppruvata mid-Direttur Ġenerali appellat. Qal li hu min-naħa tiegħu ma jistax jagħmel prova negattiva li minn din l-attività ma kien jagħmel l-ebda profitt jew dħul, għaliex kien obbligu tad-Direttur Ġenerali appellat li jipprova sodisfaċentement din l-affermazzjoni tiegħu. L-appellant qal ukoll li mhuwiex minnu li fil-perijodu rilevanti huwa kien involut fit-trasferiment ta' 180 vettura jew mutur, għaliex in-numru kien ferm inqas, u kien hemm numru minn dawn il-vetturi li ġew *scrapped.* L-appellant qal li għalhekk fil-fehma tiegħu l-Arbitru m'għamilx apprezzament korrett tal-provi, u għalhekk hemm raġuni valida sabiex din il-Qorti tagħmel rivalutazzjoni mill-ġdid tal-provi.

14. Id-Direttur Ġenerali appellat ippreżenta kopja tal-*file* tal-appellant miżmum mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fir-rigward tal-għajnuna soċjali li dan kien jirċievi.

**Ir-Risposta tal-Appell**

15. Fir-risposta tal-appell tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li fl-ewwel lok, irid jiġi kkonsidrat li minkejja li d-deċiżjoni tal-Arbitru ngħatat fid-9 ta' Ġunju, 2021, l-appellant intavola r-rikors tal-appell tiegħu fit-12 ta' Lulju, 2021, u għalhekk in linea preliminari l-appellant għandu jressaq prova li huwa intavola r-rikors tiegħu entro t-terminu ta' tletin jum mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tal-Arbitru waslet għandu bil-miktub permezz tal-posta reġistrata. Żied jgħid li l-appell interpost mill-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta wara li għarbel il-provi kollha tal-każ skont ir-rekwiżiti tal-ġustizzja u l-ekwità. L-appellat għamel riassunt tal-fatti, u spjega li permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' April, 2019, huwa kien bagħat jinforma lill-appellant li huwa ma kienx aktar intitolat għall-Għajnuna għall-Qgħad (Għajnuna Soċjali għal Disimpjieg), peress li wara investigazzjoni li saret mid-Dipartiment, irriżulta li l-appellant kien involut f'diversi transazzjonijiet għax-xiri u l-bejgħ ta' vetturi. Qal li għalhekk huwa ma kienx sodisfatt li l-appellant ma kienx involut f'attività kummerċjali u/jew li l-valur kapitali tiegħu ma kienx jeċċedi l-iskala stabbilita. Spjega li fl-4 ta' Mejju, 2019, l-appellant interpona appell minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali *ai termini* tal-artikolu 108 tal-Kap. 318 tal-Liġjiet ta' Malta, fejn sostna li ma kienx qiegħed jaqbel mad-deċiżjoni meħuda mid-

Direttur Ġenerali appellat. Fl-applikazzjoni li l-appellant għamel fl-1 ta' Settembru, 2011, sabiex jibda jirċievi l-għajnuna soċjali, huwa ddikjara li ma kellu ebda proprjetà għajr għal vettura tat-tip 'Rover'. L-appellat ippreżenta wkoll kopja ta' ittra mibgħuta minn uffiċjal ta' Transport Malta, li fiha kien hemm indikati l-vetturi kollha li ġew reġistrati ma' Transport Malta f'isem l-appellant mill-1992 sal-25 ta' Jannar, 2019. Minn din il-lista, irriżulta li bejn Ġunju 1992 sa Jannar 2019, l-appellant irreġistra f'ismu total ta' 186 vettura differenti. L-appellat għamel ukoll riferiment għax-xhieda ta' Reuben Zammit u ta' Alan Ellul, li t-tnejn qalu li l-appellant kien ipartat vetturi u muturi mingħandhom, ħafna drabi b'telf għalih. L-appellat għamel ukoll riferiment għall-*affidavit* tal-appellant, fejn dan qal li huwa qatt ma kellu aktar minn vettura waħda u mutur wieħed fl-istess ħin, u ħafna minn dawn il-vetturi kellhom valur li ma jeċċedix l-elf Euro, u ħafna minn dawn il-vetturi ġew *scrapped, garaged* jew inkella trasferiti. L-appellat għamel riferiment għar-rapport tal-konsulent psikjatriku Joseph Spiteri, u għall-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru dwar il-provi miġjuba qabel wasal għad-deċiżjoni li jiċħad l-appell tal-appellant u jikkonferma d-deċiżjoni tal-appellat.

16. L-appellat qal li fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jilmenta li d-deċiżjoni tal-Arbitru ma tagħmilx sens għaliex ingħatat mingħajr ebda motivazzjoni, kif ukoll huwa ma ngħata l-ebda sodisfazzjon dwar kif u għal liema raġunijiet l-Arbitru wasal għall-konvinċiment tiegħu li l-appell kellu jiġi miċħud. L-appellat qal li huwa jaqbel li sabiex sentenza tkun valida, din trid tkun motivata, u dan il-prinċipju ma jinstabx biss fl-artikolu 218 tal-Kap. 12, iżda huwa prinċipju mħares ukoll bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-appellat iċċita

diversi sentenzi tal-Qrati tagħna dwar l-obbligu tal-qorti li timmotiva s-sentenzi li tagħti, u qal li meta wieħed jikkonsidra dawn il-prinċipji u japplikahom għad-deċiżjoni li ta l-Arbitru, wieħed jasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ l-Arbitru esprima b'mod ċar ir-raġunijiet għalfejn huwa ma kienx qiegħed jaqbel mal-appell imressaq mill-appellant. L-appellat qal li l-Arbitru kkonsidra li minkejja li l-appellant qal li kellu ossessjoni medika li kienet twasslu biex jagħmel dawn it-transazzjonijiet li jinvolvu vetturi, huwa evidenti li l-appellant kien involut f'attività kummerċjali konsiderevoli fuq medda ta' snin. L-appellat qal li l-Arbitru kkonsidra wkoll li l-provi mressqa mill-appellant kienu pjuttost foqra, u wara li għarbel id-dikjarazzjonijiet ġuramentati li saru, l-Arbitru kkonkluda li l-appellant mhux tassew kien eliġibbli għall-għajnuna soċjali. L-Arbitru ppretenda li l-appellant kellu jipproduċi ferm aktar dokumentazzjoni minn dik li fil-fatt ippreżenta biex jikkonvinċi lill-Qorti li huwa ma kienx qiegħed jagħmel qligħ minn dawn it-trasferimenti. L-appellat qal li l-Arbitru innota wkoll li l-espert psikjatriku naqas milli jiddikjara li minħabba l-istat mentali tiegħu, l-appellant ma kienx f'pożizzjoni li jieħu ħsieb ħwejġu mill-aspett finanzjarju. Dan kompla jikkonvinċi lill-Arbitru li l-appellant verament kien involut fil-kummerċ. Fir-raba' lok, l-Arbitru kkonsidra wkoll li l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni legali jew fattwali għaliex l-appell tiegħu kellu jiġi milqugħ, u għalhekk dan il-fattur kompla jikkonvinċi lill-Arbitru li l-appell tal-appellant ma kellux jiġi milqugħ. L-appellat żied jgħid li l-Arbitru ma kellux għalfejn jagħmel riferiment għal kull prova u dokument li ngħabu bħala provi, u l-fatt li dawn ma ssemmewx minnu, ma jfissirx li dawn il-provi ma ġewx ikkonsidrati minnu. Qal ukoll li huwa evidenti li għall-Arbitru, dan l-affidavit u d-dokumenti annessi, ma kellhom l-ebda siwi jew valur

probatorju sabiex jikkonvinċuh li l-appell ta' Christopher Sciberras kellu jiġi milqugħ.

17. L-appellat għamel riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, u qal li permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qiegħed jitlob li jsir ri-eżami tal-provi li tressqu quddiem l-Arbitru. Qal li l-Għajnuna Soċjali għal Disimpjieg li kien qiegħed jirċievi l-appellant hija regolata bl-artikolu 30(6)(b) tal-Kap. 318, u kull min jitlob din it-tip ta' għajnuna mingħand id-Direttur Ġenerali appellat, huwa obbligat li jinforma lid-Dipartiment b'kull proprjetà li jkollu sabiex id-Dipartiment ikun f'pożizzjoni li jwettaq it-test tal-mezzi tiegħu. L-appellat kompla jgħid li jekk din il-Qorti tiddeċiedi li huwa meħtieġ li jsir eżami mill-ġdid tal-provi, ikun neċessarju li ssir determinazzjoni dwar jekk l-appellant, kemm meta ressaq l-applikazzjoni tiegħu, kif ukoll għaż-żmien kollu li matulu kien qiegħed jirċievi din l-għajnuna, kellu jinforma lid-Dipartiment bil-proprjetà kollha li kienet fil-pussess tiegħu. Qal ukoll li l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ma pprovdiex lill-Qorti b'raġuni valida li għandha twassalha biex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi. Qal ukoll li l-appellant ma ġabx provi sodisfaċenti sabiex jiskarika l-oneru tal-prova li kellu fuqu u jikkonvinċi lill-Arbitru u lill-Qorti li huwa ma kienx impenjat f'attività kummerċjali, jew li l-valur kapitali tiegħu ma kienx jeċċedi l-iskala kif stabbilita fil-Kap. 318. Qal li l-appellant huwa skorrett meta fir-rikors tal-appell tiegħu jinsisti li kien obbligu tad-Direttur Ġenerali appellat li jipprova li l-appellant kien qiegħed jeżerċita attività kummerċjali, jew li l-kapital tiegħu kien jeċċedi l-iskala stabbilita. L-appellat qal li l-appell li sar quddiem l-Arbitru tressaq mill-appellant innifsu, u għalhekk kien jispetta lilu li jressaq provi konkreti sabiex jissostanzja l-appell tiegħu kontra d-deċiżjoni tad-Direttur

Ġenerali appellat. Kompla jgħid li f'każijiet bħal dak in eżami, kien jispetta lill-appellant li jġib prova li huwa jissodisfa r-rekwiżiti dettati mil-liġi għall-finijiet ta' eliġibbilità għall-għajnuna soċjali, iżda dan l-appellant naqas li jagħmlu. L-appellat qal li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuniet u benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali, huwa dejjem fuq dak li jkun qiegħed jitlob din l-għajnuna.

18. L-appellat qal li mill-eżami tal-provi għandu jirriżulta li l-provi li ressaq l-appellant in sostenn tal-appell tiegħu huma pjuttost konfliġġenti, u għalhekk dan għandu jwassal lil min ikun qiegħed jaġġudika l-każ, għall-konklużjoni li l-appellant ma ressaqx provi konvinċenti biżżejjed biex iwaqqa' d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, billi juri li huwa la kien qiegħed jeżerċita attività kummerċjali u lanqas kellu kapital li l-valur tiegħu kien jeċċedi l-iskala. L-appellat qal ukoll li mhux minnu li l-lista ta' vetturi esebita mid-Direttur Ġenerali appellat ma fiha l-ebda indikazzjoni dwar jekk il-vetturi in kwistjoni ġewx *scrapped, garaged* jew trasferiti lil terzi, u dan għaliex il-lista fil-fatt turi liema vetturi darba kienu f'isem l-appellant u liema ġew *scrapped* jew ma baqgħux fuq isem l-appellant. L-appellat qal li jekk kien hemm xi vetturi li maż-żmien ma baqgħux fuq isem l-appellant, dan ifisser biss li l-vetturi ġew trasferiti lil terzi, u f'każ li hemm vetturi li ġew iggaraxxjati, dan ma jfissirx li dawn il-vetturi ma baqgħux proprjetà tal-appellant. L-appellat qal li hemm diversi raġunijiet għalfejn vettura tiġi ggaraxxjata, fosthom għaliex ma tkunx qiegħda titħallas il-liċenzja sabiex din titħalla fit-toroq Maltin. L-appellat qal ukoll li l-Arbitru innota sew li l-psikjatra Dr Joseph Spiteri imkien ma indika li l-appellant mhuwiex kapaċi jieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tiegħu, u li kieku verament l-appellant ma kienx kapaċi jieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tiegħu, aktarx li kien jiġi rakkomandat li dan jiġi

inabilitat, jew li jitpoġġa taħt ordni ta' kustodja, inkella li jiġi interdettjat temporanjament sakemm il-kundizzjoni tiegħu titjieb. Qal li ladarba l-psikjatra m'għamilx dan, dan huwa sinjal ċar li l-appellant huwa kapaċi jieħu ħsieb u jeżerċita kontroll fuq l-affarijiet finanzjarji tiegħu, kuntrarjament għal dak li l-appellant jimplika fir-rikors tal-appell tiegħu.

19. L-appellat qal li l-psikjatra fir-rapport tiegħu imkien ma qal li l-appellant kien qiegħed jagħmel telf mit-trasferimenti li kien iwettaq, u kuntrarjament għal dak li qal l-appellant u li qalu d-*dealers* fl-*affidavits* tagħhom, dan qal li l-appellant kien jixtri u jbiegħ vetturi sabiex jakkwista vettura aħjar minn dik li kellu qabel. Qal ukoll li l-fatt li ma sarx kontro-eżami lil xi xhud jew xhieda, ma jfissirx li dak li ntqal mix-xhud partikolari għandu jittieħed bħala stat ta' fatt, u dan għaliex ladarba ġie stabbilit li x-xhieda prodotti mill-appellant kienu konfliġġenti għall-aħħar, dan ifisser li l-appellat ma kellux għalfejn jagħmel kontro-eżami fuq kull xhud prodott mill-appellant. L-appellat qal ukoll li f'dan il-każ l-appellant ma jistax jitqies li huwa kredibbli meta minn mijiet ta' trasferimenti, huwa ressaq provi biss dwar tnejn minnhom, partikolarment meta ż-żewġ *dealers* li xehdu bl-*affidavit* it-tnejn qalu li huma kienu involuti f'ħafna trasferimenti li kien għamel l-appellant. L-appellat qal li minn dan għandu jirriżulta li l-appellant kien selettiv meta ġie biex iressaq provi tat-transazzjonijiet li għamel, u dan konvenjentement għażel li jressaq bħala prova dik l-istanza partikolari li minnha sofra telf. L-appellat ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li ż-żewġ trasferimenti li ġab prova dokumentarja tagħhom l-appellant, mhumiex imniżżla fil-lista prodotta mir-rappreżentant ta' Transport Malta, u għalhekk l-intenzjoni tal-appellant kienet maħsuba biss biex tqarraq.

20. L-appellat qal li anki l-istqarrija li għamel l-appellant li f'kull ħin huwa kellu biss vettura waħda jew mutur wieħed irreġistrati f'ismu, din m'hija xejn għajr gidba sfaċċata, u dan għaliex mil-lista tal-vetturi kollha li ġew reġistrati ma' Transport Malta f'isem l-appellant, jidher ċar li dan mhux il-każ, u minkejja li meta l-appellant applika għall-benefiċċju tal-qgħad iddikjara li kellu biss vettura tal-għamla 'Rover', dak iż-żmien huwa kellu sitt vetturi oħra rreġistrati f'ismu. L-appellant naqas milli jiddikjara dawn il-vetturi kif kellu obbligu li jagħmel, u minkejja li dawn il-vetturi ġew *scrapped* fl-2015 u fl-2016, xorta waħda għandu jitqies li dawn kellhom xi tip ta' valur meta l-applikant applika għall-għajnuna, u għalhekk kellhom jiġu kkonsidrati fit-test tal-mezzi tal-appellant. L-appellat qal ukoll li l-appellant żamm lura milli jiddikjara l-lista ta' vetturi li kellu fil-pussess tiegħu mad-Direttur Ġenerali intimat. L-appellat qal li kien dan in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni da parti tal-appellant, li wassal għal sitwazzjoni fejn inkisret il-fiduċja bejn l-appellant u d-Direttur Ġenerali appellat, u li wassal lill-appellat biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

21. Permezz ta' nota ġuramentata ppreżentata fit-13 ta' Ottubru, 2021, l-appellant spjega li d-deċiżjoni tal-Arbitru waslet għandu bil-posta reġistrata fis-16 ta' Ġunju, 2021, u għalhekk ladarba l-appell ġie intavolat minnu fit-12 ta' Lulju, 2021, dan ifisser li l-appell sar entro t-terminu ta' tletin ġurnata stabbilit bl-artikolu 109 tal-Kap. 318. In vista ta' din in-nota, id-Direttur Ġenerali appellat irtira l-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullità tal-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin

mill-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu. L-appell odjern huwa appell minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali li ddeċieda li l-appellant m'għandux jitqies eliġibbli għall-benefiċċji soċjali li applika għalihom, wara li kkonsidra informazzjoni ppreżentata minn Transport Malta, li fuq medda ta' snin l-appellant kien involut fix-xiri u t-trasferiment ta' diversi muturi u vetturi. Il-volum ta' transazzjonijiet li kien involut fihom l-appellant, wassal lill-Arbitru għall-konvinċiment li dan kien involut f'attività kummerċjali konsiderevoli, u li għalhekk huwa ma kienx eliġibbli għall-benefiċċji soċjali li applika għalihom. L-appellant argumenta li huwa afflitt minn problemi mentali li jġiegħluh iġib ruħhu b'dan il-mod, u huwa għalhekk li huwa ma jistax jaħdem.

*L-ewwel Aaggravju:* *[deċiżjoni nieqsa minn motivazzjoni]*

23. L-appellant qal li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija nulla u mingħajr effett, u dan għaliex hija nieqsa mir-raġunijiet li fuqhom l-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu. L-appellant għamel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qorti li jgħidu li l-motivazzjoni ta' deċiżjoni mhux biss hija meħtieġa għal raġunijiet ta' trasparenza, iżda wkoll sabiex tkun tista' tiġi vverifikata l-ġustizzja tal-ġudikat. L-appellant qal li l-Arbitru wasal għall-konklużjoni tiegħu mingħajr ma vverifika u qies il-provi kollha li nġabu mill-appellant, u mingħajr ma kkonsidrahom fid-deċiżjoni tiegħu.

24. Il-Qorti tqis li huwa minnu li d-deċiżjoni appellata mhijiex waħda elaborata jew li fiha xi tul konsiderevoli, iżda dan ma jfissirx awtomatikament li l-Arbitru naqas milli jikkonsidra l-provi kollha li kellu quddiemu sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, tant hu hekk li l-Arbitru ilmenta fid-deċiżjoni tiegħu, li l-

appellant messu ressaq provi aktar voluminużi u aħjar minn dawk prodotti minnu. L-Arbitru ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-appellant kien involut fl-akkwist u t-trasferiment ta' għexieren ta' vetturi mill-2011, is-sena li fiha huwa applika għall-benefiċċji soċjali, 'il quddiem. Minkejja li l-appellant ipprova jispjega dawn it-transazzjonijiet li kien involut fihom billi ppreżenta l-*affidavits* ta' żewġ *car dealers,* li t-tnejn li huma kkonfermaw li l-appellant kien dilettant tat-tpartit tal-muturi u l-vetturi, u dan kien jagħmel hekk b'telf għalih, id-dettalji f'dawn l-*affidavits* kienu pjuttost ġeneriċi. Kien għalhekk li l-Arbitru kkummenta li kien qiegħed jistenna provi ferm aktar dettaljati u voluminużi sabiex is-sitwazzjoni tal-appellant tiġi ċċarata. Dawn il-kummenti tal-Arbitru, fil-fehma tal-Qorti jindikaw li dan mhux talli ħa konjizzjoni tal-provi miġjuba quddiemu, talli qies ukoll il-piż tagħhom, u ra li dawn ma kinux suffiċjenti biex jiġġustifikaw l-għexieren jekk mhux mijiet ta' transazzjonijiet li kien involut fihom l-appellant. Għar-rapport imħejji mill-psikjatra kuranti tal-appellant, l-Arbitru qies li minkejja li dan ipprova jispjega l-kundizzjoni li qiegħed isofri minnha l-appellant, fl-istess waqt dan imkien ma qal li l-appellant mhuwiex kapaċi jieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tiegħu jew li mhux kapaċi jamministra ħwejġu bl-aħjar mod.

25. Huwa għalhekk għal kollox inkongruwu l-aggravju tal-appellant li d-deċiżjoni appellata għandha titqies li hija nulla stante li hija nieqsa mill-motivazzjoni, għaliex dan mhuwiex il-każ. L-Arbitru spjega tajjeb x'kien qiegħed jistenna mingħand l-appellant, partikolarment in vista tal-fatt li dan huwa wieħed minn erba' appelli intavolati mill-appellant wara li ġie deċiż li huwa mhuwiex aktar eliġibbli għall-għajnuna li talab. L-Arbitru ma setax jagħmel stat ta' fatt jew isib prova minn xi ħaġa li ma tirriżultax, u għalhekk irrimarka tajjeb

li f'dan il-każ il-provi miġjuba m'għandhomx jitqiesu bħala suffiċjenti biex jegħlbu l-piż tal-prova li rnexxielu jagħmel id-Direttur Ġenerali appellat. L-avukat difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni tiegħu qal li dak li xehed l-appellant kellu jitqies bħala l-prova reġina mill-Arbitru, u mhux jiġi skartat. Imma evidentement dak li qal l-appellant fix-xhieda tiegħu ma tqiesx li huwa suffiċjenti biex l-Arbitru jkun konvint li d-dħul fil-ġimgħa tal-appellant ma jeċċedix il-limitu stabbilit, jew li b'dawn it-transazzjonijiet kollha li jirriżultaw, l-appellant mhux involut f'xi attività kummerċjali.

26. Kien in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Arbitru wasal għall-konklużjoni li l-provi miġjuba mill-appellant ma jegħlbux il-piż tal-prova li tressqet mid-Direttur Ġenerali appellat, liema prova tindika li tul is-snin l-appellant kien involut fl-akkwist u t-trasferiment ta' għadd konsiderevoli ta' vetturi. Huwa minnu li uħud minn dawn il-vetturi ġew *scrapped,* iżda xejn ma jispjega t-tpartit, il-*garaging* u l-akkwist mill-ġdid ta' vetturi u muturi oħra, uħud minnhom vetturi ta' valur konsiderevoli. Lanqas ma spjega l-appellant għal liema raġuni huwa qiegħed iżomm numru ta' vetturi *garaged,* u l-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju mhuwiex kompitu tagħha li tispekula għal liema raġuni huwa qiegħed jagħmel dan. Il-psikjatra fir-rapport tiegħu ttenta jagħti spjegazzjoni għal din l-imġiba tal-appellant, iżda jekk wieħed kellu jagħsar dak li ntqal f'dan ir-rapport, il-konklużjoni li wieħed jasal għaliha hija li l-appellant huwa ossessjonat bl-akkwist ta' vetturi u muturi, u minħabba f'hekk huwa jinvolvi ruħhu fl-akkwist u t-trasferiment ta' diversi mudelli ta' vetturi, bil-ħsieb li dejjem jakkwista mudell aħjar. Anki jekk wieħed kellu jqis li dan qiegħed isir b'telf għall-appellant, l-appellant ġab biss prova ta' żewġ transazzjonijiet partikolari li

minnhom huwa għamel telf, u l-fatt li l-appellant jibqa' jakkwista l-vetturi u jixtri mudelli ġodda, jfisser li minn x'imkien dan qiegħed jiffinanzja dan l-istil ta' ħajja. L-appellant xehed li kemm-il drabi huwa ssellef flus mingħand familjari tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel dawn l-akkwisti, iżda l-Qorti hija tal-fehma li f'każ li dan l-istil ta' ħajja huwa kkawżat mill-kundizzjoni mentali tal-appellant, hemm diversi miżuri li jistgħu jittieħdu fil-konfront tal-appellant sabiex dan ma jkomplix ikabbar dik li huwa stess jirreferi għaliha bħala 'kriżi finanzjarja', billi jiġi inabilitat milli jkompli jagħmel dawn it-tipi ta' trasferimenti. Il-Qorti tirrileva wkoll li minkejja li l-appellant ipprova jattribwixxi din l-imġiba tiegħu għall-kundizzjoni medika li huwa għandu, madanakollu l-psikjatra kuranti tiegħu ma rrakkomandax li l-appellant jiġi inabilitat jew interdettjat temporanjament, sakemm il-kundizzjoni tiegħu titjieb. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-appellant għandu mara u tifla li jiddependu fuqu, u għalhekk huwa ferm improbabbli li jekk minn tranżazzjoni wara l-oħra l-appellant qiegħed jitlef dawn il-flus kollha, ħadd mill-familja ma ħa azzjoni biex l-appellant jagħraf irażżan din l-imġiba. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda korretta għaliex hija mmotivata sew u tinkludi r-raġunijiet kollha għalfejn l-Arbitru qies li d-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali appellat fil-konfront tal-appellant kienet ġusta fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[L-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi]*

27. L-appellant qal li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi li kellu quddiemu, għaliex tefa' piż inordnat fuq il-lista ta' vetturi li xi darba jew oħra

kellu l-appellant, liema lista ġiet ippreżentata minn Transport Malta, u dan meta skont hu din il-lista ma kinitx tindika l-valur tal-vetturi jew ir-raġunijiet għalfejn dawn ma baqgħux irreġistrati fuq isem l-appellant. L-appellant qal li hu min-naħa tiegħu ppreżenta diversi provi, żewġ *affidavits* ta' *car dealers,* ir-rapport tal-psikjatra u l-*affidavit* tal-appellant innifsu, li jispjegaw ir-raġunijiet wara dan in-numru konsiderevoli ta' transazzjonijiet b'vetturi u muturi.

28. Il-Qorti tirrileva li l-psikjatra kuranti tal-appellant, qal illi dan qiegħed isofri minn debilità psikjatrika, li tispjega għalfejn dan kull tant żmien jibdel jew ipartat vetturi, xi drabi anki fl-istess ġimgħa. L-appellant fix-xhieda tiegħu spjega li l-vetturi akkwistati minnu kienu jkunu ta' valur baxx, u li meta dawn kienu jdejquh, huwa kien jibdilhom jew jiggaraxxjahom, inkella jiskrappjahom. Qal li dan tant huwa minnu, li fl-istess żmien huwa qatt ma jkollu aktar minn vettura u mutur wieħed irreġistrati fuq ismu. Hemm imbagħad ix-xhieda taż-żewġ *car dealers* li qalu li xogħolhom huwa li jbiegħu karozzi u muturi bi profitt, u qalu li l-appellant kull darba li jmur biex jakkwista mutur jew vettura mingħandhom, huwa kien jagħmel dan b'telf għalih.

29. Il-Qorti tirrileva li dawn kienu l-provi priċipali li kellu l-Arbitru quddiemu, u li abbażi tagħhom kellu jasal għad d-deċiżjoni tiegħu. Qieset ukoll li l-appellant, bħala applikant għall-għajnuna soċjali, kellu l-obbligu li jiżvela lid-Direttur Ġenerali appellat kull forma ta' assi li huwa kellu fil-pussess tiegħu u li jista' jkollhom valur, xi ħaġa li huwa nqas milli jagħmel. L-unika vettura li l-appellant iddikjara li kellu fil-pussess tiegħu fiż-żmien meta applika għall-għajnuna soċjali, kienet vettura tal-għamla 'Rover', imma jirriżulta li dak iż-żmien stess huwa kellu għadd ta' vetturi oħra rreġistrati f'ismu. Dan però huwa dettall żgħir meta

mqabbel ma' dak li Qorti tista' tislet mill-provi miġjuba. Fl-ewwel lok, il-Qorti diġà osservat li f'każ li l-imġiba tal-appellant hija tali li qiegħda twasslu f'xifer dik li huwa stess sejħilha 'kriżi finanzjarja', sta għall-familjari tiegħu u għall-psikjatra kuranti tiegħu li jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex jiġi assigurat li l-appellant ma jkomplix jippersisti f'din l-imġiba. Il-Qorti qieset ix-xhieda tal-*car dealers,* li t-tnejn li huma kkonfermaw li l-għadd kbir ta' transazzjonijiet ta' vetturi u muturi li kien jagħmel l-appellant, kienu jsiru b'telf għalih, għaliex wara kollox xogħolhom huwa li jagħmlu profitt. Hawn iqum waħdu d-dubju dwar kif l-appellant qiegħed jirnexxilu jiffinanzja dan l-istil ta' ħajja, meta huwa ma jaħdimx, għandu mara u tifla dipendenti fuqu, u kien hemm istanzi fejn f'temp ta' ġimgħa dan akkwista vettura u partatha mill-ġdid ma' oħra. Anki jekk din l-imġiba tista' tiġi spjegata f'termini psikjatriċi, xorta waħda jibqa' l-fatt li din mhijiex imġiba li bdiet riċentement, iżda hija l-istil ta' ħajja tal-appellant għal dawn l-aħħar kważi tletin sena mill-1992. Kien in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi li l-Arbitru u d-Direttur Ġenerali appellat qablu, waslu għall-konklużjoni li minn dawn it-trasferimenti ta' vetturi kollha, l-appellant qiegħed jagħmel xi forma ta' qligħ, jew li din l-attività hija intrapriża kummerċjali li hu involut fiha l-appellant. M'hemmx mod ieħor kif il-lista ta' vetturi ppreżentata minn Transport Malta fuq medda ta' snin, tista' tiġi spjegata, minkejja x-xhieda tal-appellant u dak li xehdu l-*car dealers* fl-*affidavits* tagħhom. Anki jekk jirriżulta li uħud minn dawn il-vetturi ġew *scrapped,* illum il-ġurnata hemm valur li jitħallas għal vettura li tiġi skrappjata, u fir-rigward ta' vetturi li ġew iggaraxxjati, il-Qorti diġà qalet li mhijiex sejra tispekula dwar ir-raġunijiet għal dan.

30. Il-Qorti tirrileva li kien l-oneru tal-appellant li jġib provi biżżejjed sabiex dawn id-dubji li tqanqlu mid-Direttur Ġenerali appellat jiġu eliminati. Il-prova li minn żewġ trasferimenti partikolari l-appellant għamel telf li jista' jitqies li huwa sostanzjali għal persuna li ma taħdimx, mhijiex sufficjenti meta wieħed jikkonsidra l-ammont ta' vetturi u muturi li għaddew minn taħt idejh tul l-aħħar snin, u ma nġabet l-ebda prova dwar x'sar minnhom dawn il-vetturi. Huwa għalhekk li din il-Qorti ma taqbilx lanqas mas-sottomissjoni tal-appellant li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi, għaliex din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha l-Arbitru. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li qiegħda tikkonferma fl-intier tagħhom id-deċiżjoni appellata, u d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat qabilha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**